**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur M. Micallef**

**Vs**

**Louis Camenzuli**

**Illum 5 ta' Marzu 2002**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Louis Camenzuli ta' 33 sena, iben Ernest u Louise nee' Calleja, imwieled Pieta' fit-18 ta' Frar 1968 u li joqghod Plot 53, Misrah Suffara, Dingli, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 149768(M);

Talli bejn id-19 ta' Mejju 1998 u l-14 ta' Settembru 2001, fil-fond Plot 53, Triq Misrah Suffara, Dingli, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) u anqas minn elf lira maltin(Lm1000) – (Lm447.02c) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur;

Talli ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom (hsara smata madawar hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25).

Wara illi rat l-artikoli 261B u 278 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Louis Camenzuli hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena mil-lum a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.  Din il-Qorti qeghda wkoll a tenur tal-Artikolu 538, tikkundanna lill-imsemmi Louis Camenzuli, sabiex ihallas l-ispejjes tal-esperti tal-Qorti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.